# SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

Educational Assessment Unit – Education Division

**FORM 2** **SOCIAL STUDIES** **TIME: 1 hour 30 min.**

**Name:** ______________________________ **Class:** ________

**A. Għaqqad A ma’ B billi tpoġġi n-numri fil-kaxxa**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Permezz ta’ l-Istudji Soċjali | | kemm fl-iskola u fil-familja. |
| 2. | Karattru sod nibnih jien | | juru l-identita’ tagħna l-Maltin. |
| 3. | Nuri responsabbilta’ | | fejn kulħadd jagħti l-fehma tiegħu fuq kwistjoni soċjali. |
| 4. | Il-lingwa u l-bandiera | | u għalhekk tibqa’, matul il-ħajja. |
| 5. | Nibni relazzjoni ma l-oħrajn | | għandha l-għeruq tagħha fil-Preistorja. |
| 6. | L-Istorja ta’ Malta | | billi nikkomunika magħhom. |
| 7. | Permezz tas-soċjalizzazzjoni | | turi l-istil tal-ħajja tal-Maltin. |
| 8. | Dibattitu hu diskussjoni | | meta naqdi dmiri lejn is-soċjeta’. |
| 9. | L-edukazzjoni hi proċess | | nitgħallem ir-regoli ta’ mġiba fis-soċjeta. |
| 10. | Il-kultura tagħna | | nitgħallem infittex u nistaqsi dwar is-soċjeta’. |

(1x10=10 marki)

**B. Il-Bullying. Aqra u kompli s-sentenzi.**

Sfortunatament xi kultant issib xi bully. Din il-persuna tkun tbati mid-difett tas-suppervja għax tippretendi li hi aqwa mill-oħrajn. Taqbad ma’ tfal oħrajn u tipprova tbeżżagħhom. Imma llum hawn mod kif tfittex l-għajnuna, billi tgħid lill-għalliema jew il-Guidance Teachers, li ssibhom dejjem lesti biex jgħinuk. Il-bully hi persuna li għandha bżonn l-għajnuna għax taħseb li bil-vjolenza tista’ tikkomunika aħjar, meta fil-fatt il-vjolenza iżjed tagħmel ħsara.



1. Il-bully hi/hu persuna…………………………………………………………………
2. Nies li jistgħu jgħinuni f’każ ta’ bullying huma……………………………………..
3. Is-suppervja hi difett fil-karattru għax……………………………………………….
4. Il-ġlied, kliem baxx, swat u tgħajjir huma kollha sinjali ta’ vjolenza għax…………

   ……………………………………………………………………………………….
5. ‘Fl-aħħar issib kappell jiġik’, jiġifieri l-bully xi darba…………………………………

   ……………………………………………………………………………………….

(3x5=15-il marka)

**C. SEMMI 2:**

a. ċittadini differenti ……………………….. ………………………..

b. nies li jinfluwenzawni ……………………….. ………………………..

c. kwalitajiet sbieħ fil-karattru ……………………….. ………………………..

d. aspetti tal-kultura Maltija ……………………….. ………………………..

e. rwoli li għandi f'ħajti ……………………….. ………………………..

(2x5=10 marki)

**D. Hemm azzjoni jew imġiba individwali (li nagħmilha bħala individwu) u hemm azzjoni jew imġiba soċjali (li ssir fi grupp jew f'soċjeta'). Liema minn dawn hi Azzjoni Individwali u liema hi Azzjoni Soċjali?**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Nikteb | nieħu sehem fi kwizz | naħseb | nieħu deċiżjoni | nuża kompjuter |
| nuri rispett | nisma' quddiesa | nibni karattur | naqsam l-idejat | kura fi sptar |

| | AZZJONI INDIVIDWALI | AZZJONI SOĊJALI |
|---|---|---|
| 1. | …………………………………… | …………………………………… |
| 2. | …………………………………… | …………………………………… |
| 3. | …………………………………… | …………………………………… |
| 4. | …………………………………… | …………………………………… |
| 5. | …………………………………… | …………………………………… |

(2X5=10 marki)

**E. Is-solidarjeta' Soċjali, jew l-għajnuna li għandna d-dmir li nagħtu lil xulxin, u l-iżjed lil min hu fil-bżonn, hija l-qofol tal-ħajja tagħna flimkien.**

Wieġeb:

1. X'tifhem b'solidarjeta' soċjali?
……………………………………………………………………………………………

2. Kif nuri solidarjeta' mal-membri l-oħra tal-familja tiegħi?
……………………………………………………………………………………………

3. Kif nuri solidarjeta' ma' sħabi u l-għalliema tal-klassi?
……………………………………………………………………………………………

4. Kif nuri solidarjeta' ma' xi ħabib/a li tkun għaddiet minn xi esperjenza kerha?
……………………………………………………………………………………………

5. Għaliex min iħallas it-taxxi qed juri solidarjeta' mal-membri l-oħra tas-soċjeta'?
……………………………………………………………………………………………

(3x5=15-il marka)

**F.** **Is-sena 2001 hija Sena ddedikata għal-Lingwi. Aħna l-Maltin għandna l-Lingwa Nazzjonali li hu l-Malti, u l-lingwi uffiċjali li huma l-Malti u l-Ingliż.**

Agħti TIFSIRA tal-kelma bis-sing taħtha.

1. Il-lingwa Maltija turi l-identita' tagħna……………………………………………………

   ……………………………………………………………………………………………

2. Bil-lingwa nibnu komunikazzjoni

   ……………………………………………………………………………………………

3. L-Innu Malti huwa simbolu ta' l-għaqda fost il-Maltin

   ……………………………………………………………………………………………

4. Il-lingwa hija l-aqwa mezz ta' soċjalizzazzjoni.

   ……………………………………………………………………………………………

5. Għalkemm inħobb il-Malti, l-Ingliż u l-lingwi l-oħra jiftħuli tieqa fuq id-dinja.

   ……………………………………………………………………………………………

(2x5=10 marki)

**Ġ. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal taħtha.**

1. Il-kultura tagħna fiha (a) kif nitgħallem fl-iskola (b) dak kollu li jagħmilna Maltin (c) il-films kollha li nara
2. Dritt huwa (a) jedd (b) skop (c) ideja
3. Dmir huwa (a) ħsieb (b) opinjoni (c) obbligu
4. Opinjoni hi (a) verita' (b) kif naħsibha jien (c) rispett
5. L-edukazzjoni hi tagħlim (a) matul il-ħajja (b) meta nkunu żgħar (c) meta naqbdu naħdmu

(1x5=5 marki)

**G. X'taf dwar Malta?**

1. Il-baħar li fih qiegħda Malta jismu ……………………………………………………
2. Fin-naħa ta' fuq ta' Malta ssib il-kontinent ta' ……………………………………………
3. Fin-naħa t'isfel ta' Malta ssib il-kontinent ta' ……………………………………………...
4. Il-gżira barranija l-iżjed viċin ta' Malta hi ………………………………………………
5. Malta hi Repubblika għax il-Kap ta' l-Istat hu ……………………………………………

(1x5=5 marki)

**H. X'jissejjaħ?**

1. Grupp ta' nies li jieħdu ħsieb ir-raħal jew belt ……………………………………………
2. Il-post fejn jgħaddu l-liġijiet ta' pajjiżna ………………………………………………………
3. Għaqda li taħdem fil-komunita' mingħajr ħlas
   ………………………………………………………
4. Pajjiż imdawwar bil-baħar………………………………………………………………
5. L-ewwel skola qabel il-Primarja ………………………………………………………

(1x5=5 marki)

**I. Ikteb paragrafu (madwar 20 linja fuq WIEĦED minn dawn:**

a. Hemm normi ta' mġiba fil-familja u fl-iskola. Iddiskuti kif dawn in-normi jgħinu ir-relazzjonijiet tagħna fil-familja u fl-iskola.

b. It-televixin qiegħed għall-'entertainment' biss?

c. Is-soċjeta' għandha bżonn ir-reliġjon ukoll.

d. Ikteb rapport fuq proġett li għamilt l-iskola bħala parti mill-Istudji Soċjali.

(15-il marka)